**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Frar 2025**

**Kawża numru 5614/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

**-vs-**

**Clifford (Clifford James) Vassallo**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **Clifford (Clifford James) Vassallo**, ta' sitta u erbgħin (46) sena, iben Nicholas Vassallo u Mary Grace Vassallo, imwieled fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf disa mija' u sebgħa u sebgħin (1977), residenti fl-indirizz Blokk numru tlieta (3), Bieb B, Flat numru sebgħa (7), Triq ir-Ramija, Siġġiewi, detentur tal-karta tal-identita' numru 0061077(M) ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11 a.m.) ġewwa Blokk numru tlieta (3), Bieb B, Flat numru sebgħa (7), Triq ir-Ramija, Siġġiewi :-

1. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil *omissis*;

2. Wara li kien avżat kemm bil-fomm, kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota ta' referenzi tal-imputat preżentata nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-udjenza ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), id-difiża eċepiet il-preskrizzjoni trimestrali u dan stante illi *"min-notifika preżentata mill-Prosekuzzjoni ma jidhirx illi l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni jew att ta' proċediment dwar il-fatt li huwa imputat".* Id-difiża tikkontendi li nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat kien ġie notifikat biss bl-avviż tas-smiegħ u li din in-notifika waħeda ma għandha l-ebda effett għal finijiet tal-Artikoli 687 u 693 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant id-difiża tissottometti li l-ewwel ġurnata li l-imputat kien formalment u materjalment notifikat biċ-ċitazzjoni jew fatt li għalih huwa imputat, kien l-ewwel darba li huwa deher quddiem din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Illi l-Prosekuzzjoni da parti tagħha, ressqet bħala xhud lil PC 2222 Abigail Cassar stazzjonata l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi. Murija r-riferta preżentata in atti mmarkata bħala 'Dok JM', hija tispjega li dik hija l-ewwel taħrika għall-ewwel seduta quddiem il-Qorti, għaliex meta hija tniżżel id-data fid-*Deliver before*, hija tkun indikat dik id-data sabiex ir-riferta titqassam qabel dik id-data u l-kawża ma tiġix preskritta. Tgħid li mar-riferta hija dejjem tannetti ċ-ċitazzjoni. Hija tikkonferma li r-riferta eżebita ssejjaħ lill-imputat Clifford James Vassallo u li ġiet imqassma lil bintu Emma Vassallo nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). In kontro-eżami, hija tgħid li hija l-unika persuna ġewwa

l-Għassa ta' Ħal Qormi li timla r-riferti u tipprepara d-dokumenti annessi magħhom, u tikkonferma li l-kitba li tidher fuq il-parti ta' fuq tar-riferta hija tagħha. Madanakollu tgħid li mhux hija qassmet ir-riferta, iżda tgħid li mid-dokument muri lilha jidher li din ġiet imqassma minn PC 315 Shaun Galea u għaldaqstant il-parti ta' isfel tar-riferta, fejn jiġu ndikati d-dokumenti li ġew imqassma, ma ntlietx minnha. Tgħid li hija dejjem tannetti ċ-ċitazzjoni mar-riferta, u sussegwentement tibgħat kollox il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex ir-riferti jiġu mqassma.

**Ikkunsidrat ukoll**

Mill-atti jirriżulta li l-inċident mertu tal-kawża seħħ fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Il-Prosekuzzjoni ħarġet l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għal nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

Illi minn eżami taċ-ċitazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, jirriżulta li ż-żewġ imputazzjonijiet li nħarġu fil-konfront tal-imputat huma ta' natura kontravenzjonali, kif disposti fl-Artikolu 339(1)(e) u fl-Artikolu 355AD(3)(4)(5) tal-Kodiċi Kriminali. Illi f'każ li tinstab ħtija, il-piena applikabbli hija dik ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni, fl-għeluq ta' tliet xhur. Skond l-Artikolu 691 tal-Kodiċi Kriminali, għar-reat ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni. Għalhekk l-imputat kellu jiġi notifikat biċ-ċitazzjoni f'xi żmien bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

Illi kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Renald Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022):-

> *"5. In-notifika ta' atti ġudizzjarji trid tirriżulta mill-atti. L-istitut tal-preskrizzjoni fil-kamp kriminali huwa materja t'ordni pubbliku. Tant hu hekk li fil-kamp penali, l-preskrizzjoni tal-azzjoni tista' tiġi sollevata anke ex officio mill-Qorti; tista' titqajjem kemm fi stadju tal-prim'istanza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll quddiem il-*

*Qorti tal-Appell Kriminali; u l-preskrizzjoni l-anqas ma tista' tiġi rinunzjata mill-imputat.*

*6. Dan kollu jfisser* ***illi l-iter proċesswali dwar in-notifika tal-atti ġudizzjarji fil-kors ta' proċediment kriminali jkun irid jirriżulta ċar mill-atti tal-kawża. U jrid jirriżulta ċar, kemm bil-mezz tax-xiehda kif ukoll bil-mezz ta' dokumentazzjoni****, kemm għall-Qorti tal-Maġistrati fil-prim'istanza kif ukoll għall-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni istanza. ……*

*7. Allura minn dan isegwi li jekk l-atti ma jkunx fihom l-evidenza dokumentarja u/jew testimonjarja dwar il-fatt li l-imputat ikun ġie notifikat u f'każ affermattiv, meta, din il-Qorti ma tkunx f'qagħda li tgħid b'sikurezza jekk u/jew meta l-imputat ikun ġie notifikat. U ġaladarba n-notifika trid tirriżulta b'mod sikur, u mhux fuq bażi ta' probabilita, jekk dik l-evidenza tkun nieqsa mill-proċess, b'mod partikolari f'każ fejn tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-preżunzjoni trid tmur favur tal-imputat u mhux kontra tiegħu.* ***Jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tipprova li ċ-ċitazzjoni tkun ġiet notifikata u f'każ affermattiv meta, din il-Qorti ma tistax tqis li l-imputat ikun ġie notifikat. In-notifika trid tirriżulta b'mod sikur u ma tistax tiġi assunta jew deżunta minn provi mhux sodi jew dikjarazzjonijiet fl-atti mhux sorretti minn evidenza soda****[1].”*

Illi din il-Qorti għandha quddiemha dokument li juri li nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat ġie notifikat biss bl-avviż tas-smiegħ. Illi l-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq ix-xhieda ta' PC 2222 Abigail Cassar li tistqarr li hija l-unika persuna ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi li timla r-riferti u tipprepara d-dokumenti annessi magħhom u li tgħid li hija dejjem tannetti ċ-ċitazzjoni mar-riferti, qabel ma dawn jintbgħatu l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, sabiex jiġu mqassma. PC 2222 Abigail Cassar stess tgħid li hija ma kinitx il-persuna li qassmet id-dokumentazzjoni lill-imputat, iżda kien PC 315 Shaun Galea li għamel dan. Madanakollu PC 315 Shaun Galea ma tressaqx bħala xhud mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonferma o meno, jekk huwa kienx innotifika lill-imputat biċ-ċitazzjoni.

[1] Enfasi miżjuda minn din il-Qorti

Illi wara li evalwat il-provi kollha miġjuba quddiemha, din il-Qorti tqis li ma jirriżultax sal-grad rikjest mill-liġi, li l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) kif allegat mill-Prosekuzzjoni. Dak li jirriżulta mill-atti mbagħad hu li l-imputat deher quddiem din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) meta saret l-ewwel seduta, meta t-terminu preskrittiv applikabbli kien diġa ddekorra.

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat l-Artikoli 339(1)(e), 355AD(3)(4)(5), 688(f) u 691 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiddikjara l-proċediment estint fil-konfont ta' Clifford (Clifford James) Vassallo minħabba preskrizzjoni trimestrali.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-parti leża *omissis* stante li kienet minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara